**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 65/2022**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Joe Ross Portelli**

**<u>Illum, 1 ta' Novembru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Joe Ross Portelli** detenur tal-karta tal-identita Maltija **24897G**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Frar 2021 għal habta ta' 1.35am waqt li kien qed isuq vettura numru tar-registrazzjoni DBB591 tal-ghamla Suzuki Vitara fi Triq Imġarr, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. Saq vettura numru tar-reġistrazzjoni DBB 591 ghamla Suzuki Vitara b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata, u b'mod perikoluż;

2. Naqas li joqghod attent il-hin kollu u jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera;

3. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat mal-faċċata tar-residenza 74, Oriana, Triq l-Imġarr, Ghajnsielem, u involontarjament ikkaguna ħsarat b' detriment ghal Joseph Vella.

Il-Qorti ġiet mitluba li fkaż ta' ħtija tissospendi lill-hati milli jottjeni licenzja ta'sewqan għal żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Lulju 2024, fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li kienet preskritta, illiberat lill-imputat in kwantu ġie akkużat li saq il-vettura DBB591 b'manjiera bla kont u perikoluża u sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u talli saq il-vettura b'manjiera traskurata kif kontmplata fl-ewwel akkuza u kkundanntu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' tlitt mitt ewro (€300),

B'applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta' sewqan tal-appellant għal żmien tmint ijiem mid-data tas-sentenza likellhom jibdew jiddekorru minn nofsillejl ta dak in-nhar;

Ordnat ukoll wara li rat l-artikolu 532A tal-istess Kodici Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-hati jhallas is-somma ta' elf mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u disghin ċentemżu (€1,192.95ċ) in linea ta' kumpens lil Joseph Vella.

Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u minnha interpona dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Illi dan l-appell qieghed jigi intavolat limitatament dwar is-sejbien ta' htija tal-imputat u cioe' dwar is-sewqan traskurat u dwar il-hsara involontarja;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joe Ross Portelli, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Awwissu 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

- Tikkonferma l-parti fejn lliberatu mit-tieni akkuza, u fejn illiberatu in kwantu ghas-sewqat b'manjiera bla kont u perikoluza;

- Thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza fir-rigward tas-sewqan b'manjiera traskurata u tat-tielet akkuza, u konsegwentement fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

L-AGGRAVI

**L-Ewwel Aggravju - Ir-responsabbilita' tal-incident de quo u c-cirkostanzi tal-kaz**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatti speci tal-kaz *per se* u c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident. Illi ghandu jıntqal li bla ebda dubju rrizulta li fil-karreggjata principali li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-appellant kien hemm borza taz-zibel. Irrizulta wkoll li dakınhar tal-incident kien ir-rih u ghalhekk, l-esponenti ma seta' jkollu l-ebda indikazzjoni li fin-nofs tat-triq kienet ser tkun din il-borza taz-zibel li twassal lill-appellant biex jaghmel manuvra li biha jittenta jiskapula dak li gie quddiemu;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tissuggerixxi fis-sentenza taghha li l-appellant kien messu waqqaf il-karozza, nizel, gabar il-borza taz-zibel u nehhiha min-nofs. Dan kollu forsi kien jaghmel sens f'kaz li l-incident sehh f'hin li 1-vizibilita' kienet tkun aktar tajba u cioe' matul il-jum u mhux matul il-lejl, forsi f'kaz li l-imsemmija borza taz-zibel kienet stazzjonarja u mhux mtajra mir-rih u migjuba fin-nofs. Zgur pero' li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, 1-appellant ma kellu l-ebda konoxxenza tal-izgombru li kien ser ikun hemm f'nofs it-triq peress li kif indikat mid-diversi xhieda li taw id-depozizzjoni matul dawn il-proceduri, din il-borza taz-zibel ma kienitx stazzjonarja izda hasdet lill-esponenti fl-uzu tal-karreggata tieghu,

Illi apparti hekk irid jinghad ukoll illi t-triq hija wahda principali dritta u minghajr ebda devjazzjonijiet u ghalhekk fil-mument partikolari li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-appellant kellu l-uzu totali taghha.

Illi kienet biss minhabba d-distrazzjoni li sehhet momentarjament li f'dawk is-sekondi partikolari kellu jagħmel dik id-decizjoni li l-aktar tagħmel sens u cioe' l-aktar wahda naturali, dik li tiskapula dak li hemm quddiemek;

Illi l-ewwel Qorti pero jidher li waslet ghall-konkluzjoni taghha dwar is-sewqan b'manjera prikoluza minhabba l-hsara li kkaguna dan l-incident. Illi fl-ewwel lok jinghad li ma jirrizulta l-ebda ness partiklari war tali hsara u l-incident fil-fatt ma jirrizulax li ingabet xi prova li turi l-karozza tahbat mal-faccata imsmmija. Dwar dan il-punt, l-esponenti jidhol aktar fid-dettal dwar it-tieni aggravju. F'dan is-ens ghalhekk ma jsitax wihed jasal ghas-sewqan b'manjera traskurata meta huwa ben fatt u fl-fatt kinl-istess appellant li spejga waqt id-pdeosizzjoni tieghu li l-imsemmija vettura ossia Jeep hija hafifa minn wara ghalhekk mal-moment li ghamel il-manuvra biex jiskapula l-borza taz-zibel il-vettura spiccat biex marret minn wara bil-konsegwenza li qabad il-bankina u inqalbet.

Illi cio nonnostante ma jirrizultax ghlahekk li tali sewqamn seta kien b'manjera traskurata u kosnegwentement minhabba nuqqas ta' provi u element qawwi ta dubju l-appellant ma kellux lanqas jinsab hati ta ewsqan traskurat.

Illi ghalhekk fuq skorta ta' l-ewwel aggrvju konsiereando ic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-appellant kellu jigi skulpat ukoll mill-htija ta' sewqam b;od traskurat.

**It-tieni aggravju - In-ness bejn l-incident u l-provi dwar l-istess**

Illi l-appellant jghamel referenza ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u cioe dwar il-hsara involontarja. Jirrizulta manifest illi kul ma ingabu kienu stejjem ta' madum li madankollu l-istess persuni li hargu dawn l-isetjjem ma jiftakrux ghal xiex u min kien talab dawn l-istejjem. Dan kollu ma jwassalx ghal proova konvincenti mehtiega li proceduri kriminali aktar u aktar meta l-istess appellant gie fil-fatt ikkudannat sabiex ihallas spejjez li ma jirrizultawx b'mod sodisfacenti li jirreferu ghal fond *de quo*.

Illi dan kollu apparti li ma jirrizulta min nimkien hlief mix-xhieda tal-aprte civile li bl-incident il-vettura tal-appellant habtet mal-faccata tal-parte civile. Infatti mill-persuni li kienu fil-vettura ma jirrizultax li gie kkonfermat li l-vettura messet mal-faccata tal-fond. Jista jkun li l-hsara kienet gja esistenti u li giet kagunata minn sorsi differenti li ma kienx l-incident *de quo*. Fil-fatt fil-video esebit fl-atti ma jirrizultax li l-vettuira tidher tahbat mal-faccata tal-*parte civile.*

Illi ghalhekk in vista tal-fatt li jesisti dubbju serju dwar il-mod kif sehh l-incidet u ukoll anke li l-valuri indikati ma gewx debitament ikkonfermati b'ricevuti ta' hlas izda sempliciment bi stimi li ma jghamlux referenza ghal fond de quo it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

**It-Tielet Aggarvju - Apprezzament zbaljat tal-provi**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda partikolarment il-fatt li 1-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analizi korretta tal-fatti kollha enuncjati quddiem.

Dan qieghed jinghad b'referenza ghall-provi migjuba quddiem il-Qorti b'mod partikolari r-rizultanzi tal-incident. Jigi sottolineat illi l-versjoni moghtija mill-appellant u anke mill-passiggieri, hija fil-fatt korroborota mal-hsarat li garrbet il-vettura u dak li rrizulta fuq il-post. Mhux l-istess pero' fir-rigward tal-hsarat allegatament imgarrba fil-faccata tal-parte civile.

Illi ghalhekk mill-assjem kollu tal-provi, l-esponenti appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli naghmel analiza akkurat tal-provi prodotti a detriment tal-istess appellant.

Rat il-video esebit fl-atti mill-prosekuzzjoni nahr id-29 ta' Novembru 2022 mmarkat bhala Dok X.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta tat-28 ta' Awwissu, 2024.

**Ikkunsidrat.**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li għandha qabel xejn titratta it-tielet aggravju peress li dan jitkellem dwar nuqqas ta' apprezzament ta' provi. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis- sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha,*

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.4 Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l- oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull  dubju dettat mir-

[4] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż Majid,[5] Lord Moses stqarr hekk : Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown**[6] jgħidu s-segwenti: -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Peralta</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u

[5] ibid
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal persuna akkuzata.*

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-

prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[7]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> *Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita*[8]*.*

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-

---

[7] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[8] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti: -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat: -**

Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu peress illi ma

hemmx nexus bejn l-allegati hsarat u s-sewqan tal-appllant. Id-difiza issotni li ma hemmx provi l il-hsarat kagunati gew fil-fatt kagunati mill-appellant odjern.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali u kkkunsidrat is-segwenti.

Rat l-affidavit ta' **PS 1040 John Grima** rilaxxjat nhar l-14 ta' Jannar, 2022 fejn stqarr li nhar is-16 ta' Frar, 2021 ghall-habta tas-1.35 waqt li kien xoghol ta' bil-lejl gie infurmat mill-ghassa tar-Rabat li kienet ghadha kif dahlet telefonata, fejn min cempel informa lill-pulizija li fi Triq Imgarr, ftit 'l isef minn Cassar Service Station kien hemm habta. Huwa kien ronda fl-inhawi tan-Nadur u ghalhekk wasal fuq il-post minnufih fejn ra vettura numru ta' registrazzjoni DBB 591 tal-ghamla Suzuki Vitara maqluba f'nofs ta' triq.

Fuq il-post sab lill-appellant li stqar li kien is-sewwieq tal-vettura. Kien hemm ukoll Deelan Mifsud li qal li kien passigier fuq quddiem u Beauty Edokpower li stqarret li kienet passigiera fuq wara. Staqsiha kienx hemm xi korruti u din qaltlu li ma kienitx tiflah pero rrifjutat assitenza medika. L-appellant stqarrr li kien qed isuq 'l fuq lejn ix-Xewkija meta f'daqqa wahda ra xi haga hierga u titkaxkar ma l-art minn Triq Cordina naha tax-xellug u ipprovaha jevitaha bil-konsgwenza li hakem il-bankina tan-naha tal-lemin tat-triq u nqalbet.

Fejn sar l-impatt mal-bankina deher li laqghat il-granit u balavostri ta' residenza 74 Triq l- Imgarr, Ghajnsilem. L-appellant qal li kien ser jghamel tajjeb ghal hsarat kkagunati u s-sid Joseph Vella gie infurmat. Nhar it-3 ta' Jannar, 2022 gie kkuntatjat minn Brendon Vella u dan infurmah li l-appellant ma kienx hallas l-ispejjez u deher li ma kienx interessat li ihallas.

Fil-5 ta' Jannar, 2022 ghamel kuntatt mal-appellant li qallu li kien halla xi deposit ghand min kien ser jirranga l-granit biss u inqala' xi dizgwid. Qallu ukoll li ma kellux min fejn ihallas.

F'dan ir-rigward informa lil-vitmi u nhar id-9 ta' Jannar 2022 ghal habta tal-10.30 Joseph Vella mar l-ghassa tal-pulizija, Victoria u pproduca stima minghand Delux Bathrooms li tammonta ghal €993 u stima minghand Carmel Agius li tammonta ghal €700. Peress li ma hallasx insista ghall-azzjoni.

Huwa esebixxa tlett ritratti li ha fuq il-post ezatt mal-wasla tieghu markati bhala dok JG1, JG2 u JG3, kopja vera ta' stima minghand Delux Bathrooms markata bhala JG4, kopja vera ta' stima minghand Carmel Agius markata bhala dok JG5 u kopja tar-rapport tal-pulizija markata bhala dok JG6.

Rat ix-xhieda ta' **Deelan Mifsud** moghtija nhar id-19 ta' Mejju 2022 u jghid li dak inhar meta l-appellant inqaleb bil-jeep kien rikeb mieghu bhala passigier flimkien ma habiba ohra taghhom, Beauty. Jghid li kien tard bil-lejl meta kienu telghin mix-Xatt biex iwaslu lil habiba tieghu. Huwa kien qed jitkellem mal-appellant u kienu aljenati. Jikkonferma li l-appellant kien qed isuq dak il-hin. Meta telghu minn Ghajnsielem hdejn il-pompa tal-petrol kien hem borza kbira f'nofs tat-triq tal-plastik izda ma tawx kaz sakemm waslu hdejha u dan ghaliex f'daqqa wahda il-borza imxiet bir-rih, l-appellant inhasad u dawwar l-*isteering* biex jipprova jevitaha. Dwar *speed* jghid li ma kellhomx hafna xi tletin. Qal li dak il-hin laqat l-bankina, it-*tyre* ibbownsja lura u inqalbu. Jghid li huwa kien bil-qeda fuq quddiem bhala passiggier.

Ikkonferma li inqalbu bil-Jeep blu tal-appellant hdejn il-pompa tal-petrol ta' Ghajnsielem. Muri d-dok JG2 jghid li dak hu ritratt tal-borza li kien hemm f'nofs ta' triq.

Rat ix-xhieda ta' **Carmel Agius** moghtija nhar id-19 ta' Mejju 2022 u kkonferma li huwa jahdem bhala bajjad u l-*quotation* li hemm esebita fl-atti harigha hu dwar xoghol ta' madum li irid isisr mal-faccata ta' Joseph Vella. Dan ken harigha wara li kien mar fuq il-post biex jara x'tip ta xoghol irid isir. Qal li kien ra l-granit ta' mal-faccata imkisser, balavostri maqlughin u rixtellu miksur. Ikkonferma li sakemm xehed ix-xoghol li kellu jsir kien ghadu ma sarx.

Rat ix-xhieda ta' **Liliana Vella** moghtija nhar id-19 ta' Mejju, 2022 u murija dok JG4 tikkonferma li hija stima mahruga minn Delux Bathrroms gewwa Ghajnsislem. Ikkonfermat li hija sid din is-socjeta. Qalet li Brendon Vella kien mar il-hanut bil-qisien u hareg l-invoice a bazi tal-qisien moghtija lilu. Innega li kien mar fuq il-post biex jara il-hsarat li allegatament kien hemm. Ikkonferma li l-istima harigha f'Settembru 2021 u ghalhekk il-prezzijiet li indika mhux bil-fors jibqghu l-istess u kkonferma li sa dakinhar li xehed is-sur Vella ma kien ghadu xtara xejn minn dak indikat fl-istima.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Vella** moghtija nhar id-29 ta' Novembru, 2022 u kkonferma li l-gaahda tal-habta ibnu Brendon qallu li kienu dahlu fihom u hareg barra u ra li kien hemm hsara fuq il-faccata tad-dar 74, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem. Dan sehh nhar is-16 ta' Frar 2021. Jghid li meta sehhet il-habta huwa kien rieqed. Bhala spejjez ighid li kellu ibiddel il-granit kollu u l-balavostri ghax ma sabx bhal ma kellu biex iqablu. Muri l-istimi markati bhala dok JG 4 u JG5 ighid li dawk huma l-ispejjez tal-madum u granit.

Rat ix-xhieda ta' **Brandon Sean Vella** moghtija nhar id-29 ta' Novembru, 2022 u spjega li nhar is-16 ta' Frar 2021 ghal habta tas-1.30 a.m kien rieqed id-dar Oriana, 74, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem. Sema hoss u hareg jittawwal u ra karozza maqluba u cempel lill-pulizija ghax haseb li setghu wegghu. Din kienet Suzuki bajda tal-ghamla Vitara. Il-vettura ma kienitx quddiem id-dar taghhom izda quddiem il-pompa tal-petrol ta' Cassar ftit 'l isfel minnhom.

F'hin minnhom cempel il-bieb u ra pulizija u hareg barra u jara li l-faccata tad-dar kellha xi hsara u l-balavostri kienu maqluba. Qal li iltaqa' mal-appellant u qabez ic-cint biex jara kellux bzonn xi haga. Staqsih jekk kienx wegga u qallu li kien ok. Jaf li skambjaw in-numri tat-telefon u qallu li kien lest ihallas id-danni tal-faccata. Ftit jiem wara mar ghand tal-madum ghand Giljan ix-Xaghra biex jiehu stima tal-granit li kellhom mal-faccata. Qal l-ispiza kienet ser tigih xi €2,800 u dan ghaliex kellhom ibiddlu l-faccata ghaliex ma setghux iqablu l-madum. Imbaghad gharaf lill-appellant dwar l-ispiza u dan qallu '*issa naraw*.' Jaf li l-appellant kien ta xi deposit ta' tlett mitt euro €300 lil ta Sare biex igiblu granit l-istess izda dan qatt ma mar ghandu. Qal li l-istima li hareg Sare kien ta' madwar €3,000 izda hadd ma mar ghandu biex jara ix-xoghol.

Qal li baqa' b'xejn. Muri id-dok JG 4 u JG5 u gharafhom bhala l-sitimi li kien gabar hu. Qal li sa dakinhar li xehed il-hajt kien ghadu imkisser. Huwa pprezenta footage tal-incident li gie mehud mill-gar tieghu li gie markat bhala Dok X u messaggi skambjati bejnu u bejn l-appellant markat bhala Dok Y.

Bhala hsara jghid li mal-faccata kellhom il-balavosti li inqalghu kollha, kien hemm bicca granit kbira li sofriet hsara kbira li kellha tinbidel u l-*gate* ma jistiax jinfetah. Qal

li dan kollu kien rizultat tal-incident qabel ma kienx hemm ksur. U ma kellhom l-ebda hsieb ibidluh ghax kien ghadu tajjeb.

In kontro -esami jichad li dakinhar kien hemm xi maltemp. Forsi kien hemm xi rih izda ma kienx hemm xita Il-hoss fil-filmat huwa ta meta inqalbet il-vettura tal-appellant u kien hemm l-impatt mad-dar tieghu.

Ix-xhud rega xehed nhar l-14 ta' Frar 2023 u esebixxa zewg dokumenti GS 1u GS2. Spjega li GS1 hija l-lista tal-madum li kienu xtraw peress li kellhom dizgwid ma l-ohrajn u cioe mad-Delux Bathrooms u ghalhekk xtraw il-madum minghand Distinct Homes. Dik hija l-ircevuta li tindika li sar il-hlas minnhom. Dok GS2 mahruga minghand Rapa dwar il-materjal li kienu xtraw sabiex jitwahhal il-madum u spiccaw wahluh huma ghaliex din il-persuna qatt ma marret s'ghandhom.

Rat ix-xhieda ta' **Andrew Zammit** in rappresentanza ta' Distinct Homes. Muri id dok GS1 jghid li dik hija ricevuta ta' pagament li sar fuq biegh ta' madum u dok GS 2 hija *delivery note* jigifieri hareg ix-xoghol bid-driver.

Rat ix-xhieda ta' **Rosemarie Saliba** moghtija nhar l-14 ta' Frar, 2023 u tghid li tahdem Rapa Store Ghajnsielem. Fid-dok GS2 hemm indikat cement, kolla u grouting. Dik hi ricevuta u ghalhekk dan ifisser li bieghu dan il-materjal u thallsu tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Beauty Edokpower** moghtija nhar is-7 ta' Novembru, 2023 u spjegat li kien hemm xi zibel fi triq principali u l-appellant ipprova jevitah u bi zbal laqat il-bankina u l-karozza daret kemm il-darba. Qalet li ma kienx hemm xita izda kien il-bard. Tghid li ma habat ma xejn iktar salv il-bankina. Tikkonferma li karozzi ohra fit-triq meta sehh l-incident ma kienx hemm.

L-appellant **Joe Ross Portelli** xehed minn rajh b'mod volontarju nhar it-30 ta' Jannar 2024 u qal li kien tielgha mix-Xatt sejjer lejn ix-Xewkija u f'daqqa u l-hin lemah borza taz-zibel f'nofs it-triq kif muri fid-dok esebit a fol. 10 .Il-borza kienet f'nofs ta' trieq u ipprova jisakpulha izda ma irnexxilux u spicca inqaleb bil-karozza u spicca b'erbgha roti tal-karozza fl-ajru. Mieghu fil-karozza kien hemm Deelan Mifsud u barranija.

In kontro esami jghid li kien ilu jsqu sitt snin. Ma jiftakarx meta sehh il-kaz. Fit-triq quddiemu u warajh ma kienx hemm karozzi ohrajn. Jghid li induna bil-borza taz-zibel proprju meta gie vicin taghha. Il-karozza Jeep li kien qed isuq hija proprjeta tieghu. Qal li appena mess il-bankina il-Jeep marret minn wara. Ikkonferma li kien mixi bl-erbghin jew hamsin u ma setax jieqaf inehhi l-borza minn nofs ghaliex meta ra kien ma genbha. Qal li meta hareg mill-karozza hsarat ma rax. Mistoqsi ghaliex *a tempo vergine* tal-investigazzjoni jghid lis-surgent li kien lest jghamel tajjeb ghad-danni iwiegeb li dak il-hin kien mifxul u ma jafx x'kien qed ighamel. IL-karozza ittihdet minn fuq il-post permezz tat-towing. Il-pulizija urih il-hsarat li kien hemm pero ma l-art ma ra xejn u ma kien hemm xejn x'jindika li l-hsara giet kaguanta dak il-hin bl-incident.

Rat il-video esebita fl-atti u minn esami ta' l-istess jirrizulta vettura gejja b'certu speed tolqot l-bankina u tinqaleb u tigi fuq is-saqaf taghha u ftit wara johorgu minnha zewg guvintur. Dan sehh fil-jum tal-akkuzi u cioe nhar is-16 ta Frar 2021 ghall-habta ta' 01.20. Huwa minnu kif stqar l-appellant fil-filmat il-vettura ma tidhirx tahbat ma faccata ta' dar. Ghalhekk l-unika prova li tista tittihed b'dan il-filmat hu li fis-16 ta Frar 2021 ghall-habta tas-1.20 a.m kien hemm vettura ghaddejja b certu speed li laqtet bankina u inqalbet. Pero naturalment dinil-prova ma tistax tittihd in isolation izda flimkien mal-provi kollha imresqa f'dan il-process kif ser jigi spejgat f iktar dettal aktar il quddiem.

**<u>Ikkunsidrat ultejorment</u>**

Illi mix-xhieda ta' Brandon Sean Vella jirrizulta li nhar is-16 ta' Frar 2021 ghal habta tas-1. 30a.m kien rieqed id-dar Oriana, 74, Triq l- Imgarr, Ghajnsielem u fil-hemda tal-lejl sema hoss u hareg jittawwal u ra karozza maqluba u cempel lill-pulizija ghax haseb li setghu wegghu xi nies. Din kienet Suzuki bajda tal-ghamla Vitara. Il-vettura ma kienitx quddiem id-dar taghhom izda ftit 'l isfel minnhom. Huwa hareg barra u ra li l-faccata tad-dar tieghu kellha xi hsara u l-balavostri kienu maqluba. Qal li iltaqa' mal-

appellant u qabez ic-cint biex jara kellux bzonn xi haga. L_appellant qallu li kien lest ihallas id-danni tal-faccata tad-dar tieghu. Dan hu indizju car li l-appellant kien assuma ir-responsabbilta tal-incident u li kien hu li kkaguna l-hsarat sofferti mill-familja Vella. Meta l-appellant xehed minn rajh u gie mistoqsi ghaliex kien ammetta li jhallas l-ispejjez tal-hsara li kien hemm jghid li kien mifxul. PS 1040 John Grima ukoll jghid fix-xhieda teighu li l-appellant kien stqar mieghu li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat li sofra Joseph Vella.  Illi l-imputat qua appellant qatt ma cahad li qal dan id-diskors.  Mhux talli hekk izda jirrizulta li kien anke mar ghamel deposit ta' tlett mitt euro ma tal-madum biex jaghmel tajjeb ghal hsara li kellu Vella fil-faccata tieghu.

Ma hemmx dubbju li qabel din il-habta l-familja Vella ma kellhix din l-hsara mal-faccata tan li Brandon jghiod li war al-habta hares lejn il-faccata u ra l-ballavostri imwaqqqghin u l-madum spostjat. Dan jisndika li l-hsara kienet friska. L-appellant jghid li ma hemmx nss bejn il-hsara u s-sewqan tieghu. Din il-Qorti pero tghid li ghalhekk ma hemmx xhieda okulari li ra lill-appellant jahbat fil-faccata ta' Vella ic-cirkostanzi huma tali li jipputnaw ghal hsara li giet kkagunata mal-faccata ta' Vella. Ghalhekk dan l-aggravju dwar in-ness qed jigi rispint.

L-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jghid li m'ghandux jinzamm responsabbli ghal incident u dan ghaliex gara minhabba cirkostanzi paritkolari li ma kienux fil-kontol tieghu. Jirrizulta li l-appellant kein qed isuq telgha mix-Xatt al Mgarr sejjer lejn ix-Xwkija nahr is-16 ta Frar 2021 ghall-habta tas-1.20 a.m. Jirrizulta li kien mixi skond hu bi speed ta 40 jw 50 ma nafux jekk kilometi jew milli. Jghid li ra f'nofs ta triq borza taz-zibel u ipprova jiskapula u bhekk laqghat il-bankina u inqaleb tant li spicca bl-erbgha roti fl-ajru. Jghid li l-mizura li ha kienet wahda evasive kawzata minn emergenza subitaneja. Jghid li induna bil-borza proprju meta kien ma genba.

L-appellant instab hati ta' sewqan traskurat u minhabba dan it-traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaguna l-hsarat fil-proprjeta ta' Vella.

Din l-Qorti m'għandiex dubbju, bhall-Ewwel Qorti, qabilha illi li kieku l appellant uża 'proper look out' huwa kien jara il-borza f'nofs ta triq u kien jieqaf jew jirrallenta tempestivament biex b'hekk l-inċident kien jigi evitat. Fuq kollox l elementi tal-culpa jistriehu fuq l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuz. Huwa biss meta l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hijiex inkriminabbli, illi l-gudikabbli jista' jigi ezenti mill-htija.

> *Gie ritenut "in subiecta materia" illi l-"pedstrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-"driver", bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea 5 imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.*[9]

Illi sabiex sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta kwalisasi natura, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian jew mill-oggett meta is-sewwieq ikun ghadej fit-triq , emergenza li tpoggi lis sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta ghaddiet biex

[9] Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri Deċiża nhar il-25 ta' Seettembru 2003 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

telenka liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall investiment meta inghad hekk:

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti; b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo; c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Dan japplika anke f'dan il-kaz minkejja li ma kienx hemm pedestrian qed jaqsam izda kien hemm borza taz-zibel f'nofs ta' triq. Hawnhekk jidhol il-kuncett ta' proper look out. lli gie ukoll ritenut li hu dover ta' driver" to see what is in plain view" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Vella**[10] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "*a proper lookout*" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. J. M.Laferla**[11]**.** Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[12]" u sabiex ikun hemm

[10] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar l-10 ta' Awwissu 1963
[11] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar is-17 ta' Gunju, 1961
[12] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim.**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**[13].) F'dan il-kaz indubbjament il manuvra inkonsulta ghall-ahhar tal-appellant meta ma waqafx qabel il-borza sabeix jesplora ahjar it-triq. Minn imkien ma jirrizulta li s-sewwieq irrallenta mhux hekk talli mill-filmat jidher li kien miexi b'certu speed tant li anke tkaxkar bis-saqaf ma l-art. lli hu ovvju li l-appellant ma zammx proper lookout ghax kieku hares tajjeb `il quddiem, kiemnjinduna bil-borza taz-zibel ferm qabel ma wasal proprju hdejha. Din il-borza ma waqghetxx mis-shab jew immaterjalizzat fit-triq proprju kif hu kien qieghed ghaddej. Bil-fors li kienet ilha vizibbli ghal certu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda hin qabel ma wasal hdejha ma induna biha, qed jinkrimina ruhu dwar in-nuqqas ta' proper lookout

Jigi imfakkar dak li intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap** meta dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[14] (fir-rigward tad-definizzjoni ta' sewqan traskurat u appuntu:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."*

Il -fatt li sewwiq ma juzax a proper look out ifisser li qed isuq b'manjera traskurata.

Dwar id-danni l-appellant jghid li ma gewx provati b'mod sodisfacenti. Hawnhkk ukoll il-qorti ma taqbilx u dan ghaliex sid id-=dar Joseph Vella stqarr dwar il-hsara li kellu u rssaq bha;a prova kemm l-istimi ta dak li kellu iisr sabeix il-proprejta titpogga

[13] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar it-3 ta Dicembru 1960
[14] Vol. LXXXI.iv.157

fis-sitwazzjoni li kienet in status quo ante qabel l-incident . Il-proskuzzjoni resqet lil diversi xhieda jikkonfermaw id-dokumenti esebiti dwar il-hsarat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha inkluz l-ordni mahruga ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' gimgha liema peirjodu jibda jiddekorri millum nofs il-lejl.

Tordna uikoll wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 2 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li l-hati jhallas s-somma ta' elf, mija u tnejn u disghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,192.95) in liema ma kumpens lejn Joseph Vella.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef